MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 907/2009

**L-Avukat Dottor Louis Bianchi, Madeleine Aquilina u Veronica Rossignaud aħwa Bianchi, in rappreżentanza tal-eredita’ ġjaċenti ta’ Maud Bianchi**

**-vs-**

**Gold Victory Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta’ Settembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi bi skrittura privata tal-5 ta’ Marzu, 2008, annessa u markata Dok A – l-awtriċi tal-atturi, kriet lis-soċjeta` intimata l-propjeta` Villa Sol Y Aire, f’Antonio Schembri Street, Kappara, San Gwann, għall-perjodu ta’ 5 snin, mill-1 t’April, 2008 sal-31 ta’ Marzu, 2013 bil-kera u bil-kundizzonjiet hemm indikati.

2. Illi s-soċjeta` intimata ħallset 5 skadenzi trimestali, mill-1 ta' April, 2008 sat-30 ta' Ġunju, 2009 iżda naqset li thallas il-kera għall-iskadenza mill-1 ta' Lulju, 2009 sat-30 ta' Settembru, 2009, ammontanti għal €4,890.00 (erbat elef, tmien mija u disgħin Ewro).

3. Illi s-socjeta` intimata abbandunat il-Villa *'de quo'* u naqset li tħallas il-kontijiet tas-servizzi, fosthom dawl u ilma, in kontravenzjoni tal-paragrafu 9 tal-ftehim; li kif jidher mill-anness Dok K jammontaw għal €4,137.20 (erbat elef, mija u sebgħa u tletin Ewro u għoxrin ċenteżmu).

4. Illi s-soċjeta` intimata hi *inoltre* obbligata li tħallas l-ammont ta' €4,890.00 bħala tliet xhur *notice* fit-termini tal-paragrafu 1.1 tal-ftehim Dok A u billi l-proprjeta` ġiet abbanduanta mis-soċjeta` konvenuta fit-tieni sena tal-kirja skond l-istess paragrafu obbligata tħallas lill-atturi nomine nofs l-ispejjeż li saru mis-sid fil-proprjeta` qabel ma din inkriet lis-soċjeta` konvenuta. Dawn l-ispejjeż huma elenkati fid-Dok B anness, nofs l-ispejjeż jammontaw għal €3,498.37.

5. Illi s-soċjeta` intimata fil-5 ta' Marzu, 2008 ħallset bħala *deposit* l-ammont ta' €3,350 biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet giusti tas-sid; u billi l-istess soċjeta` intimata naqset mill-obbligi tagħha ta' manutenzjoni fil-proprjeta` u fil-ġnien, paragrafi 4, 5, 6 u 7 tad-Dok A anness; l-istess depożitu għandu jinżamm mill-atturi biex isiru l-ispejjeż ta' manutenzjoni li skond il-ftehim kienet responsabbli għalihom is-soċjeta` intimata.

6. Illi għalhekk is-socjeta` intimata għandha tagħti lill-atturi nomine (1) €4,890.00 ta' tliet xhur kera għall-iskadenza li għalqet fl-1 ta' Lulju, 2009; (2) €4,890.00 tliet xhur *notice*; (3) €4,137.20 – Dok K – il-kontijiet dawl u ilma; u (4) nofs l-ispejjeż Dok B – €3,498.37, b'kollox €17,415.57 (sbatax-il elf, erba' mija u ħmistax-il Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu).

7. Għaldaqstant l-atturi nomine in vista tal-premess jitolbu bir-rispett li dina l-Qorti jogħġobha: (1) tiddikjara

xjolta l-kirja li saret bejn il-partijiet bl-iskrittura tal-5 ta' Marzu, 2008 b'effett mill-1 ta' Lulju, 2009 - dana billi s-soċjeta` intimata kkontravenjiet diversi kundizzjoni espressi tal-lokazzjoni, partikolarment paragrafu 3.1 tad-Dok A - billi l-kera ma tħallsitx u konsegwentament tordna li s-soċjeta` intimata tiżgombra mill-Villa msemmija; u (2) li s-soċjeta` intimata tiġi kkundannata tħallas lill-atturi nomine s-somma fuq imsemmija ta' €17,415.57 danni u spejjeż kif fuq intqal fit-termini tal-istess ftehim Dok A anness.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, bl-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Lulju, 2009 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tippreżenta risposta u għalhekk hija kontumaċi skond il-liġi.

Semgħet lill-attur nomine;

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza;

Rat għalhekk li t-talba attriċi ġiet pruvata mingħajr kontestazzjoni;

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti, u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------